



Stqarrija għall-istampa

PR 13/2015
8 ta' Lulju 2015

Ir-Rapport Annwali tal-EASO dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-UE

Illum l-EASO ħareġ ir-rapport annwali ta' referenza tiegħu: [Ir-Rapport Annwali dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-Unjoni Ewropea 2014](#). L-għan ta' dan ir-rapport hu li jagħti dehra ġenerali komprensiva tas-sitwazzjoni tal-ażil fl-UE+ (l-Istati Membri tal-UE kif ukoll in-Norveġja u l-Iżvizzera) billi jeżamina t-talbiet għal protezzjoni lill-UE, janalizza d-data dwar l-applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet u jiffoka fuq xi wħud mill-pajjiżi ta' oriġini l-aktar importanti tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

Fl-2014 kien hemm aktar minn **660 000 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+** - l-ogħla numru sa minn mindu bdiet tinġabar id-data fuq livell tal-UE fl-2008. L-ogħla numru ta' applikanti għall-ażil li ġie irregjistrat kien ta' ċittadini mis-Sirja, il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent flimkien, u l-Eritrea. Il-pajjiżi riċevituri ewlenin kienu l-Ġermanja, l-Iżvezja, l-Italja, Franza u l-Ungerija. Fl-aħħar tal-2014, aktar minn **500 000¹ persuna kienu qed jistennew deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tal-ażil tagħhom fl-UE+**; il-volum ta' applikazzjonijiet pendenti żdied bi +37% meta mqabbel mal-2013. In-numru ta' **applikazzjonijiet minn ċittadini ta' pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tela' għal 110 000** b'numru sinifikanti minnhom ikun mis-Serbja u l-Kosovo. Il-kriżi li għaddejjja bħalissa fis-Sirja kienet sfida ewlenija fl-UE+ fl-2014 hekk kif in-numru ta' **applikazzjonijiet minn Sirjani kien ta' aktar minn 128 000**. L-Afganistan baqa' wieħed mill-pajjiżi ta' oriġini prinċipali tal-applikanti s-sena li għaddiet; it-42 745 applikazzjoni għall-2014 kienu jirrappreżentaw żieda ta' 53% meta mqabbel mal-2013. Dan il-pajjiż kellu wkoll l-ogħla sehem ta' minorenni mhux akkumpanjati li qed japplikaw għall-ażil fl-UE+ (6 155). Kien hemm aktar minn 14 000 applikant mill-Ukraina, żieda ta' tlettax il-darba meta mqabbel mal-2013.

Dan ir-rapport iħares ukoll lejn l-iżviluppi ewlenin relatati mal-ażil fl-2014 bħal ma huma t-Task Force għall-Mediterran, il-kapaċità ta' l-qugħ fl-Istati Membri, l-iżviluppi fis-sistemi nazzjonali tal-ażil u l-appoġġ tal-EASO. Fost affarijiet oħra, l-EASO **kompla jipprovdni appoġġ operattiv lill-Greċja, l-Italja, il-Bulgarija, u Ċipru** u mexxa b'suċċess **proġetti konġunti ta' pproċessar u proġett ma' Malta u l-Italja dwar il-faċilitazzjoni tal-immigranti irregolari**. L-EASO **ħarreġ aktar minn 2,800 uffiċjal tal-ażil u tal-akkoljenza**. Barra minn dan, l-EASO kellu attivitajiet ta' dimensjoni esterna ma' numru ta' stati inklużi t-Turkija, is-Serbja, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija. Barra dan, l-EASO nieda ġbir ġdid ta' data statistika taħt is-Sistema ta' Twissija Bikrija u Tħejjija (EPS), li għaliha jikkontribwixxu l-istati tal-UE+ kollha fuq bażi ta' kull xahar, li jżidu mal-informazzjoni disponibbli mill-Eurostat.

L-aħħar ċifri għall-2015 juru li n-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali qed ikompli jżdied. Fl-ewwel 5 xhur ta' din is-sena kien hemm **żieda ta' 68% fin-numru ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fl-UE+ meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena li għaddiet**. Dan isegwi ż-żieda ta' 43% fin-numru ta' applikazzjonijiet fl-2014 meta mqabbel mal-2013. Fl-2015 jidher li qed joħorġu xejriet ġodda. In-numru ta' applikanti mill-Kosovo kien għoli ħafna sa Marzu 2015. Il-Kosovo kien il-pajjiż ta' oriġini ewleni ta' applikanti rregjistrati fl-UE+ bejn Jannar u Mejju 2015, qabel is-Sirja. Dan minkejja l-fatt li l-volum ta' applikanti Sirjani kien ogħla mill-livell irregjistrat tul l-istess perjodu fl-2014. Kien hemm ukoll żieda sostanzjali fin-numri ta' applikanti Afgani tul dawn l-aħħar xhur. Minn Jannar 2015 ġiet innotata wkoll żieda fl-UE+ fin-numru ta' applikanti li jsostnu li huma minorenni mhux akkumpanjati. Dawn primarjament oriġinaw mill-Afganistan, l-Eritrea, is-Sirja u s-Somalja u ġew milqugħin prinċipalment mill-Iżvezja, l-Awstrija, il-Ġermanja u l-Italja. *Kwalunkwe informazzjoni oħra tista' tinkiseb mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil billi tikkuntattja lis-Sur Jean-Pierre Schembri fuq l-indirizz elettroniku li ġej: jean-pierre.schembri@easo.europa.eu*

¹ Din iċ-ċifra tinkludi l-appelli